**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 t'April 2019**

**Talba Nru: 534/18 CZ**

**Marlon Cachia (ID 24894 (M)**

**vs.**

1. **Dario Xuereb (ID 1817 (G)**
2. **Isabel Warrington (ID 1678 (G), u permezz ta' digriet tad-9 ta' Jannar 2019, il-kelma 'Dario' giet sostitwita bil-kelma'Dorrian'**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fit-12 ta' Novembru 2018 li biha premetta:

Illi l-konvenuti in solidum bejniethom ghandhom ihallsu lill-attur Marlon Cachia s-somma ta' elf mitejn u tletin Euro (€1,230).

Illi dan huwa bilanc minn ammont akbar dovut mill-konvenuti Dario Xuereb u Isabel Warrington ghal garr ta' mobbli u oggetti ohra li sar mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu l-bilanc dovut izda baqghu ma hallsux.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 t'Awwissu 2018 u tal-ittra ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tat-3 ta' Settembru 2018.

Bl-imghax skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fis-17 ta' Dicembru 2018 li permezz taghha eccepew:

Illi l-intimati gew notifikati bil-kawza odjerna fl-ewwel (1) ta' Dicembru 2018;

Illi in primis qieghed jigi rilevat li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur qatt ma ssostanzja l-ammont allegat dovut permezz ta' 'invoice dettaljata', b'dana li li llimita ruhu sabiex jitlob ammont wiehed u shih ghal xoghlijiet allegatament ordnati mill-intimati indikati, minghajr l-ebda informazzjoni ohra, u minflok provda dak li kien mitlub, l-attur iddecieda li joqghod jivvessa u jdejjaq lil omm l-intimat b'mod ripetut ghal diversi gimghat;

Illi ma tezisti l-ebda relazzjoni kummercjali bejn l-intimati, kwindi ma jisghu qatt jigu dikjarati jhallsu xi ammont dovut in solidum stante li jekk sar xi xoghol, ma kien hemm l-ebda konnessjoni kummercjali bejn dak li allegatament seta' sar lill-intimati u dan seta' sar biss b'mod individwali, b'dana li talba ghal rifuzjoni fl-ammont ta' 1,230 Euro in solidum hija infondata;

Illi sussidjarjament ghal dak supra indikat qieghed jinghad ukoll li detentur tal-karta tal-identita' b'numru 18187 (G) ma huwiex tal-intimat indikajt fl-okkju, cioe' Dario

Xuereb, b'dana li l-intimat qieghed jeccepixxi li ma huwiex il-legittimu kontradittur indikat fl-okkju;

Ghaldaqstant qieghed bir-rispett jigi mitlub li dan it-Tribunal jichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra illi b'digriet tad-9 ta' Jannar 2019, il-kelma 'Dario' fl-okkju tal-kawza giet sostitwita bil-kelma 'Dorrian';

Ra l-affidavits ta' l-attur u taz-zewg konvenuti.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi **l-attur** xehed illi l-konvenuti inkarigawh igorr oggetti varji ghal Hal-Tarxien, u minn Hal-Tarxien ghall-Imdina. Hallas ukoll ghal xi oggetti ghan-nom tal-konvenut bil-hsieb li jithallas lura ta' dawn il-hlasijiet li kien qed jaghmel. Darba minnhom, klijent terz ta' l-attur htieglu li jwassal Ghawdex xi siggijiet li kien xtara minn Malta, u qabbad lill-attur sabiex igorrhomlu u jhallas, b'kumbinazzjoni, lill-istess

konvenuta, is-somma ta' mitt Euro, ghall-istess oggetti. Dakinhar il-konvenuta accettat li dawn il-mitt Euro kellhom jithallsu minnha akkont tal-prezz tal-garr li kien dovut, u fil-fatt l-attur esebixxa skrittura li tindika l-prezz ta' elf, hams mija u tletin Euro, u li minnhom dakinhar tnaqqsu mitt Euro. F'darbtejn sussegwenti, il-konvenut kien hallas lill-attur mitt Euro u mitt Euro ohra. L-attur baqa' jitlob il-hlas minghand il-konvenuti, izda dawn ma hallsuhx.

Illi **l-konvenut Dorrian Xuereb** jghid illi l-problema ewlenija li kellu fil-hlas lill-attur kien li dan ta' l-ahhar baqa' qatt ma pprovda rendikont tax-xoghol li ghamel, u lanqas ma pprezenta ricevuti ta' l-oggetti li qal li hallas ghalihom hu. Il-konvenut jaccetta li kien hallas mitejn Euro lill-attur. Qal ukoll li m'ghandu l-ebda relazzjoni kummercjali bejnu u l-konvenuta.

Illi **l-konvenuta Isabelle Warrington** similment ghall-konvenut l-iehor qalet li qatt ma rat rendikont tax-xoghlijiet ta' l-attur, u li meta kien hemm terz li xtara xi siggijiet minghandha, l-attur kien zamm ghalih mitt Euro, u l-konvenuta tikkonferma li kienet iffirmat karta, sabiex, skond hi, jintwera li lill-attur kienet tatu mitt Euro. Illi dwar in-negozju li l-attur seta' ghamel mal-konvenut, pero', ma taf xejn.

Illi t-Tribunal jikkonsidra illi l-ilment principali tal-konvenuti huwa li l-attur ma tax rendikont tax-xoghlijiet imwettqa. It-Tribunal jinnota pero' illi, ghall-inqas il-konvenuta, kienet iffirmat skrittura[1] fejn irrikonoxxiet li l-ammont dovut huwa ta' elf, hames mija u tletin Euro (€1,530). Dwar din l-iskrittura, il-konvenuta llimitat ruhha li tghid biss li hija ffirmatha ghax skond hi dik kienet biss ricevuta tal-mitt Euro li tat lill-attur. Mill-iskrittura infisha, pero', (li ma gietx kontestata mill-konvenuti), jidher car li hemm cifri ohra apparti dik tal-mitt Euro. Tidher cara miktuba ic-cifra ta' elf, hames mija u tletin Euro (€1,530), li hija miktuba kemm bin-numri kif ukoll bl-ittri. Ghalkemm dik l-iskrittura hija mfassla bi kliem lajk, il-

[1] Fol. 16

kliem 'jien hdimt fuq xoghol tat-trasport' huwa car bizzejjed biex jindika ta' xiex kien qieghed jitlob hlas l-attur, u kien f'dak il-punt illi l-konvenuta riedet titlob lill-attur rendikont tax-xoghlijiet imwettqa.

Illi fuq kollox il-konvenut baqa' jhallas lill-attur xi pagamenti ohra, tant li tah mitejn Euro (€200) fuq zewg okkazjonijet differenti.

Illi fuq kollox pero' il-konvenuti bl-ebda mod ma ressqu xi prova oggettiva illi dak li qed jitlob l-attur huwa gholi zzejjed. Filwaqt li jindikaw li m'ghandhomx rendikont, ma tawx huma stess lit-Tribunal rendikont tax-xoghlijiet li huma kienu nkarigaw lill-attur biex jaghmel, sabiex it-Tribunal ikun jista' jasal jara jekk il-hlas mitlub kienx misthoqq jew le.

Illi l-konvenuti jippruvaw jaghtu x'jifhem lit-Tribunal li l-konvenut ma jafx bl-operat tal-konvenuta u vice-versa. L-attur jindika li dawn huma f'relazzjoni, u dan il-konvenuti ma cahduhx. It-Tribunal isibha difficli jemmen li f'din ic-cirkostanza l-konvenut verament ma kienx jaf x'qed taghmel il-konvenuta, u bil-kontra; tant hu hekk illi bl-iskrittura fuq imsemmija, il-konvenuta qed tirrikonoxxi u taghraf li kien sar certu xoghol ta' trasport, anke kieku stess dan sar principalment fuq struzzjonijet tal-konvenut l-iehor wahdu.

Illi l-konvenuti jsostnu li s-solidalita' m'ghandhiex tapplika f'dan il-kaz, ghaliex ma kien hemm l-ebda relazzjoni kummercjali bejnethom. Artikolu 115 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> 15. (1) Fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, hu preżunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati In solidum.

Illi ma jidhirx illi bejn il-konvenuti kien hemm xi relazzjoni ta' kummerc, u lanqas ma jirrizulta illi t-trasport in kwestjoni sar ghal attivita' relatata mal-kummerc, u ghalhekk is-solidalita' f'dan il-kaz ma tapplikax.

Illi t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti dwar isem il-konvenut giet indirizzata bid-digriet tad-9 ta' Jannar 2019, u ghalhekk it-Tribunal mhux ha jqis aktar din l-eccezzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, jilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-istess, u jastjeni milli jiehu iktar konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni, u jikkundanna ghalhekk lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u tletin Euro (€1,230), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, kif mitluba, jithallsu kollha mill-konvenuti.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur